

Brussell, 9 ta' Lulju 2025
(OR. en)

9963/25
COR 2
PV CONS 29
TRANS 231
TELECOM 181
ENER 222
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija)
5 u 6 ta' Ġunju 2025

Fl-anness tad-dokument ST 9963/25 INIT, fil-paġna 10, id-dikjarazzjoni mill-Portugall għandha taqra kif ġej:

Dikjarazzjoni għall-punt "A" leġislattiv li jinsab fid-dokument 9505/25

Dwar il-punt "A" **Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE fir-rigward tal-**
nru 2: **istatus ta' protezzjoni tal-lupu (Canis lupus)**
 Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

"Ir-riżultati taċ-ċensiment 2019-2021 fil-Portugall jindikaw li ż-żona abitata mill-ilpup, jiġifieri r-reġjun Trás-os-Montes u ż-żona ta' madwar il-wied fin-Nofsinhar tad-Douro, ċkienet fl-aħħar għoxrin sena.

Fil-livell nazzjonali, l-għadd ta' gruppi identifikati wkoll naqas ftit, li jindika xejriet differenti ħafna fl-erba' ċentri tal-popolazzjoni li jeżistu.

Wieħed mill-fatturi ewlenin li jipperikolaw il-konservazzjoni tal-ilpup fil-Portugall huwa l-mewt ikkawżata direttament mill-bniedem, li f'ħafna żoni għadu responsabbli għall-għajbien tal-ispeċi u/jew tal-gruppi.

Minkejja l-miżuri ta' konservazzjoni li għaddejjin bħalissa, b'mod partikolari titjib fis-sistema ta' kumpens għal ħsara marbuta mal-ilpup u l-promozzjoni ta' protezzjoni aħjar tal-bhejjem billi l-bdiewa jingħataw appoġġ tekniku u finanzjarju biex jimplimentaw il-miżuri l-aktar xierqa f'kull sitwazzjoni, l-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċi għadu mhux favorevoli.

Il-Portugall m'opponiex il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-preżentazzjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' proposta biex jiġu emendati l-Annessi II u III tal-Konvenzjoni ta' Bern, f'solidarjetà mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri li qed jiffaċċaw sitwazzjonijiet differenti minn dawk tal-Portugall fir-rigward tal-istatus ta' konservazzjoni tal-lupu, biex jiżgura li dawn ikunu jistgħu jeżaminaw mill-ġdid dan l-istatus fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

Fil-mument tal-adozzjoni tal-proposta għal Deċiżjoni (bid-data tal-24 ta' Settembru), il-Portugall ippreżenta spjegazzjoni tal-vot tiegħu li fiha għamilha ċara li ser iżomm il-politika attwali dwar il-konservazzjoni tal-lupu fit-territorju tiegħu stess, bil-ħsieb li jiġi żgurat li din l-ispeċi tikseb status ta' konservazzjoni favorevoli u f'konformità mal-impenn tiegħu għall-oġettiv ta' konservazzjoni stabbilit mid-Direttiva dwar il-Ħabitats.

Il-Portugall itenni t-termini tad-Dikjarazzjoni tal-24 ta' Settembru 2024 u jiddikjara li, minkejja l-emendi għall-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Bern u l-proposta attwali biex tiġi emendata d-Direttiva 92/43/KEE, għandu l-ħsieb li jżomm l-istatus ta' protezzjoni stretta attwali tal-ilpup Iberiċi fit-territorju nazzjonali tiegħu, f'konformità mal-għażla prevista fl-Artikolu 193 TFUE, li biha l-Istati Membri huma awtorizzati jżommu jew jintroduċu miżuri protettivi msaħħa li jkunu kompatibbli mat-Trattati u li jiġu mgħarrfa lill-Kummissjoni.

Għalhekk, għal dak l-għan, u filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-Premessa (6) tal-proposta attwali biex tiġi emendata d-Direttiva 92/43/KEE, il-Portugall ser jgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea, sal-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-Direttiva, bid-deċiżjoni tiegħu li jżomm, f'konformità mal-għażla msemmija hawn fuq, l-istatus ta' protezzjoni stretta attwali tal-ilpup Iberiċi fit-territorju nazzjonali tiegħu."